# IS-SAĊERDOT, MINISTRU TAL-WEGĦDIET TA' ALLA, GĦAS-SERVIZZ TAL-POPLU T'ALLA

*Omelija ta' l-Isqof Mario Grech fil-Quddiesa tat-Tberik taż-Żjut fil-Knisja Katidrali nhar Ħamis ix-Xirka, 9 ta' April 2009*

Bħall-poplu Lhudi, il-poplu tagħna jgħix f'ċerta stennija biex jara jitwettqu ċerti ħwejjeġ li ħaddieħor iwebbillu qalbu u moħħu bihom. Il-poplu tagħna, bħall-poplu Lhudi, jemmen u jistenna li min għamillu ċerti wegħdiet xi darba jwettaqhom!

### Wegħdiet materjali

Kien hemm wegħdiet ta' ħajja soċjali aħjar li saru lill-poplu Lhudi minn min kellu l-poter pubbliku, kemm dak lokali, bħalma kellu Erodi, u kemm dak barrani, bħalma kienu r-Rumani. Imma baqgħu wegħdiet fiergħa. Dan id-diskors nistgħu napplikawh għal żminijietna!

### Wegħdiet ta' natura reliġjuża

Imbagħad il-Lhud kellhom ukoll wegħdiet ta' natura reliġjuża. L-aqwa fosthom kienet il-wegħda li Alla jibgħatilhom il-Messija. Il-poplu Lhudi kien jgħix fl-istennija li jara din il-wegħda titwettaq. Dawn il-wegħdiet sarulu sa minn żmien il-Patrijarki; u l-istorja tad-diversi pattijiet li kien hemm bejn Alla u l-poplu tiegħu hija storja ta' wegħdiet li kien jagħmel Alla.

San Pawl jgħid li "tagħhom (tal-Lhud) huma l-wegħdiet" (Rum 9:4). Pawlu jkompli jfisser li "Kristu sar qaddej tal-Lhud ċirkonċiżi minħabba l-fedeltà ta' Alla biex seħħew il-wegħdiet li għamel lill-Patrijarki" (Rum 15:8). Fl-Atti tal-Appostli nsibu "li min-nisel ta' David, Alla skont il-wegħda tiegħu ġab lil Iżrael is-Salvatur li hu Ġesù" (13:23).

Fis-sinagoga ta' Nazaret Ġesù qara silta mill-profeta Isaija (dik is-silta li qrajna llum fil-liturġija) fejn jerġa' jfakkar lill-poplu fil-wegħdiet li Alla għamel lill-poplu tiegħu: *"L-Ispirtu tal-Mulej fuqi għax il-Mulej ikkonsagrani biex inwassal il-Bxara t-Tajba lill-fqajrin …"*. Fl-istess silta, il-profeta jkompli li "Alla għad jerġa' jibni mill-ġdid il-ħerbiet tal-qedem, għad itellgħu t-tiġrif tal-imgħoddi u jġedded il-bliet imġarrfa u meqruda … Nagħmel patt magħkom għal dejjem" (61:4,8).

Fi kliem ieħor, permezz ta' Isaija Alla jwiegħed il-ħelsien sħiħ lil dak il-ġens li kien qiegħed jitlef mhux biss l-awtokuxjenza tiegħu imma wkoll il-fidi tiegħu.

### Dak li wiegħed Alla twettaq fi Kristu

Wara li jaqra din is-silta, Ġesù jistqarr li din il-wegħda li għamel Alla seħħet illum fih: "Din il-kitba seħħet illum intom u tisimgħu" (Lq 4:21). Hekk Ġesù jrid jikkomunikalhom li dak li Alla kien wiegħed issa twettaq fil-persuna tiegħu. Ġesù huwa dak li ġie biex iġib fil-milja il-wegħdiet ta' Alla. Kristu ġie biex iwassal lill-poplu għall-ħelsien integrali: ħelsien minn kull madmad fiżiku, soċjali u spiritwali – il-ħelsien tal-persuna sħiħa!

### Proċess kontinwu

Għalkemm Ġesù inawgura dan il-proċess ta' realizzazzjoni tal-wegħdiet ta' Alla, dan huwa proċess kontinwu li għadu għaddej. **Kristu ried li qabel jgħaddi għal għand il-Missier iwaqqaf is-saċerdozju Kattoliku biex f'isem Kristu u bil-grazzja ta' Kristu, is-saċerdot ikompli jaħdem biex jara li dak li Alla offra lill-bniedem jasal fil-konkret tal-ħajja.** Illum ukoll jeħtieġ li nibnu l-ħerbiet li qed isiru; illum ukoll jeħtieġ li ntellgħu t-tiġrif li qed nassistu għalih; illum ukoll jeħtieġ li nibnu l-belt imġarrfa. Illum ukoll jeħtieġ li ngħinu lil dan il-poplu tagħna li qed jirriskja bil-kbir li jitlef l-identità tiegħu, l-awtokuxjenza tiegħu u l-fidi tiegħu.

### Is-saċerdot jikkonkretizza l-wegħda ta' Alla

Din mhijiex vokazzjoni ħafifa, u nifhem kemm is-saċerdoti tagħna jkollhom mumenti tqal biex iwettqu din il-missjoni. **Bħala saċerdoti aħna mhux biss nittamaw fil-grazzja ta' Alla imma wkoll nagħmlu wegħda sollenni lil Alla dakinhar tal-ordinazzjoni saċerdotali li rridu ningħataw għal din il-ħidma.** Ta' kull sena aħna nġeddu din il-wegħda waqt il-liturġija ta' dalgħodu.

Il-wegħdiet li għamilna fl-ordinazzjoni saċerdotali huma erbgħa:

i) inwegħdu li nwettqu d-dmirijiet saċerdotali tagħna għal ħajjitna kollha u li ngħixu s-saċerdozju tagħna f'rabta mas-suċċessjoni appostolika;

ii) inwegħdu li nippriedkaw il-Vanġelu u li nfissru l-fidi Kattolika;

iii) inwegħdu li niċċelebraw il-misteri ta' Kristu, speċjalment l-Ewkaristija u s-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni;

iv) inwegħdu li ħajjitna tkun talba għall-proxxmu tagħna.

Inħoss li l-formulazzjoni tal-wegħda fil-liturġija tal-lum li ser nagħmlu minn hawn u ftit mumenti oħra hija aktar qawwija, għax tgħid hekk: **"Aħna nwegħdu li nintrabtu aktar mal-Mulej Ġesù u nsiru nixbhuh iżjed billi niċħdu lilna nfusna. Aħna nwegħdu li nkunu amministraturi fidili tal-misteri ta' Alla u tal-Ewkaristija u fl-azzjonijiet liturġiċi l-oħra. Aħna nwegħdu li bil-fedeltà kollha, fid-dawl ta' Kristu ras u ragħaj, naqdu d-dmir qaddis li ngħallmu, imqanqlin mhux mir-regħba tal-ġid tal-art imma biss mill-ħeġġa għall-erwieħ."**

Dan il-kliem fih ħafna x'wieħed jixtarr għax fihom ġabra tal-ministeru saċerdotali.

### Rifless soċjali

Dawn huma l-għanijiet spiritwali b'rifless fis-soċjal li aħna s-saċerdoti rridu nilħqu. Biex inwettquhom, għandna l-mezzi spiritwali, jiġifieri l-predikazzjoni u t-tqaddis permezz tas-sagramenti. Permezz ta' din il-missjoni aħna s-saċerdoti mbagħad niffurmaw u nħeġġu lil ħutna l-lajċi, li huwa d-dmir tagħhom li jkunu preżenti fis-soċjetà u biex b'impenn politiku jaraw kif jistgħu jqiegħdu fil-prattika l-fidwa sħiħa li kisbilna Kristu.

### *Lura għall-oriġini tas-saċerdozju*

**It-tiġdid tal-wegħdi saċerdotali huwa stedina biex aħna nerġgħu lura għall-oriġini tas-saċerdozju tagħna – dak l-oriġini li ħafna drabi naħslu ninsew jew nittraskuraw mhux biss minħabba l-ħafna taħbit tagħna ta' kuljum iżda wkoll minħabba l-influss negattiv tal-kultura ta' żmienna. Li nirritornaw għall-oriġini jfisser li għal darb'oħra nfittxu "nitilqu minn Kristu" bħala l-għajn ta' kollox: Kristu huwa dak li għażilna primarjament mhux biex naħdmu imma biex nibqgħu miegħu. Dak li jgħodd fil-ħajja saċerdotali mhuwiex tant dak li nagħmlu, imma proprju l-ħajja spiritwali tagħna bbażata fuq relazzjoni personali u stabbli mal-imgħallem Ġesù.**

### *Spazji meħtieġa*

Għalhekk, għeżież ħuti fis-saċerdozju, hemm ċerti spazji fil-ħajja saċerdotali tagħna li huma indispensabbli: it-talb ta' kuljum, partikularment iċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija tas-sigħat, u l-Ewkaristija ċċelebrata bl-akbar devozzjoni.

Qed ngħixu f'kultura u f'epoka fejn il-kelma li jagħti l-bniedem mhijiex kelma; fejn ħafna wegħdiet li jagħmel il-bniedem faċli jirriżolvu ruħhom f'wegħdiet fiergħa. Għalhekk **il-bniedem illum m'għadux jemmen li jista' jieħu impenn għal ħajtu kollha – tilef il-fiduċja fil-ħila tiegħu li kapaċi jagħmel wegħda u jżommha! F'dan il-kuntest, huwa importanti li nħossu r-responsabbiltà li ngħixu b'fedeltà l-wegħdiet saċerdotali tagħna u nippruvaw ngħixuhom anke jekk jistgħu jiswewlna prezz!** Dan nagħmluh biex l-ewwel u qabel kollox inkomplu nuru li l-wegħda li Alla għamel lill-bniedem twettqet fi Kristu Ġesù. Meta nkunu xhieda li Alla jżomm kelmtu, dan għandu jimla lill-bniedem b'qawwa u fiduċja biex anke hu jżomm kelmtu u jonora l-wegħdiet li huwa jagħmel.

---

# *NIBŻGĦU GĦAX-XOGĦOL*

*Omelija ta' Mons. Isqof nhar il-Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem,*
*fil-Knisja Arċipretali tal-Qala, l-Ġimgħa l-1 ta' Mejju 2009*

### *Ix-xogħol u l-familja*

Ġesù kien magħruf bħala Iben il-Mastrudaxxa, iben il-Ħaddiem. F'din il-festa li l-Knisja tagħmel f'ġieħ San Ġużepp, il-missier putattiv ta' Ġesù, hija tistedinna nitfgħu l-ħarsa tagħna fuq San Ġużepp ħaddiem u nitolbuh biex idawwal aspett importanti ħafna tagħna l-bnedmin li huwa x-xogħol. Bħala l-kap tal-Familja Mqaddsa, Ġużeppi jagħti dimensjoni familjari lix-xogħol. Ġużeppi kien iwettaq ix-xogħol b'servizz lejn il-familja. Ħafna drabi x-xogħol tagħna huwa xogħol marbut mal-ħajja tal-familja.

Għalhekk kull min b'mod jew ieħor huwa responsabbli ħalli jipprovdi x-xogħol u jara li jkun hemm il-kundizzjonijiet li jixirqu lill-ħaddiema, ma jistax ma jġibx 'il quddiem din id-dimensjoni tax-xogħol u l-familja. Jekk tassew għandna għal qalbna l-istabbiltà u l-valur tal-familja, aħna fid-dmir li nipprovdu l-ħobża ta' kuljum għall-familja billi nieħdu ħsieb l-impjiegi, għaliex fejn jonqos ix-xogħol u fejn id-dinjità tal-ħaddiema mhix rispettata, tkun qed tintlaqat indirettament il-familja. In-nuqqas ta' xogħol idaħħal fi kriżi mhux biss lill-ħaddiema imma wkoll lil għadd ta' familji.

### *Il-kriżi finanzjarja internazzjonali*

Qegħdin ngħixu fi żmien li mhux sabiħ ħafna. Mhux biss smajna bil-kriżi finanzjarja imma xi ftit jew wisq tolqotna wkoll. Jien nixtieq li llum f'din il-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem nitolbu lil San Ġużepp ħalli jispirana dwar kif għandna ngħixu l-vokazzjoni tagħna bħala ħaddiema f'dawn iċ-ċirkostanzi meta sfortunatament anke l- impjiegi jistgħu jintlaqtu minn din il-kriżi. Veru li aħna m'għandniex responsabbiltajiet kbar għal dan t-*tsunami* finanzjarju fid-dinja; però f'dinja globalizzata aħna parti mis-soċjetà internazzjonali fejn il-pajjiżi jiddependu minn xulxin. Bħala eżitu ta' dan, ma nistagħġbux li dan il-mewġ għoli jista' jasal ukoll fuq xtutna! Quddiem dawn il-fatti ċ-ċittadin li sal-lum għadu ħobżu maħbuż u żejtu fil-kus, ma jistax jibqa' indifferenti. Huwa għandu jaddotta ċerti atteġġamenti u stili ta' ħajja li bihom jista' jilqa' u fl-istess waqt itaffi xi ftit mit-toqol ta' din il-problema serja.

Huwa interessanti l-fatt li l-Vanġelu jiddeskrivi lil San Ġużepp bħala l-bniedem ġust. Ladarba huwa ġust huwa mżejjen bil-kwalitajiet u l-valuri umani u spiritwali. Inħoss li hemm tliet aspetti li dwarhom jista' jispirana Ġużeppi, mhux biss biex inħarsu d-dinjità tax-xogħol imma wkoll biex f'din iċ-ċirkostanza partikulari tal-istorja u f'din iċ-ċirkostanza ta' kriżi mhux biss tas-swieq imma wkoll fid-dinja tax-xogħol, inkunu nistgħu nikkontribwixxu u nilqgħu.

### *Sens ta' moderazzjoni fl-ispejjeż mhux meħtieġa*

Jekk sal-lum il-kotra kienu jgħixu livell għoli ta' ħajja u wieħed kien jippermetti ċertu nfieq u konsum bl-addoċċ anke fuq ħwejjeġ li mhumiex ta' ħtieġa, illum meħtieġ **sens ta' kejl fl-użu tar-riżorsi privati** u hekk nagħtu aktar każ ta' min huwa nieqes mill-meħtieġ. Dan is-sens ta' moderazzjoni fl-infieq għandu jidher anke fl-attività u ċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru mill-fondi pubbliċi u hekk tidher ċara l-għażla favur li jiġi evitat il-ħela biex ikunu assigurati l-impjiegi.

Jekk il-moderazzjoni fl-ispejjeż u fl-infieq hija regola tajba għall-istruttura soċjali, dan japplika wkoll għall-istrutturi fi ħdan il-Knisja. F'dan ir-rigward, il-komunitajiet Insara, bħalma huma l-parroċċi, għandhom jagħtu eżempju billi huma wkoll ikunu moderati fl-ispejjeż li jagħmlu għal dawk li huma ċelebrazzjonijiet, festi jew proġetti li wieħed jista' jgħaddi mingħajrhom; minflok, huma jwaqqfu fond li bih jgħinu f'din il-kawża.

### *Sens ta' solidarjetà soċjali*

Meta għandna ħaddiema li huma mħassba għax jistgħu jispiċċaw bla xogħol, hemm bżonn ta' aktar solidarjetà bejn l-awtoritajiet, min iħaddem u l-għaqdiet tal-ħaddiema biex b'sens ta' korresponsabbiltà jaħdmu flimkien biex jassiguraw l-impjiegi eżistenti u fl-istess waqt jesploraw setturi ġodda li jistgħu joħolqu aktar xogħol. Jekk dan is-sens ta' solidarjetà dejjem iddistingwa l-ħajja tagħna l-Maltin u l-Għawdxin, issa hija s-siegħa li joħroġ aktar fid-dieher. Intom bħali tafu li ċertu xogħol u impjiegi huma f'periklu. Nerġa' ngħid li għalkemm dan huwa tort tas-sistema internazzjonali, lilna qed jolqotna. Nistgħu aħna nibqgħu indifferenti quddiem din ir-realtà u nirraġunaw li ladarba għandna ż-żejt fil-kus u l-ħobż maħbuż, ma jimpurtaniex minn ħaddieħor? Ma naħsibx li dak huwa atteġġament uman u inqas u inqas Kristjan. Allura jrid ikun hemm dak is-sens ta' solidarjetà bejnietna biex f'ċirkostanzi bħal dawn inwieżnu lil xulxin u naqsmu ma' xulxin.

### *Sens ta' fiduċja fil-ġejjieni*

It-tielet atteġġament li huwa speċifikament tagħna l-Insara huwa l-virtù tat-tama. San Ġużepp emmen u ttama dak li qallu l-Mulej; it-tama mmarkat il-ħajja tiegħu u tagħtu sodisfazzjon. Fil-mumenti mċajprin u mdallma li qed ngħixu fihom fid-dinja tax-xogħol u tal-ekonomija, rridu nibqgħu nittamaw mhux biss fil-ħila tagħna l-bnedmin imma wkoll fl-għajnuna ta' Alla. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi mwegħrin li nistgħu niltaqgħu magħhom fid-dinja tax-xogħol, irridu nibqgħu nittamaw li dan is-sens ta' solidarjetà bejnietna, aħna kapaċi li f'termini qosra jew itwal naraw id-dawl biex nistgħu noħorġu minn dan *it-tunnel*. Min jittama huwa mimli b'dik il-passjoni biex, fi żmien qasir jew itwal, huwa jilħaq dak kollu li huwa possibbli!

Dawn huma l-ftit ħsibijiet li nixtieq naqsam magħkom. Dak li ngħid lilkom, ngħidu lid-Djoċesi kollha biex ikollna dan is-sens pożittiv tal-ħajja u din is-sensibbiltà lejn ħaddieħor. Hekk ilkoll kemm aħna nkunu nagħtu l-kontribut biex tassew ix-xogħol tagħna jkun xogħol li nagħmluh b'dinjità u li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-familja tagħna. Nitolbu lil San Ġużepp, il-kap tal-Familja Mqaddsa, il-mastrudaxxa li ċertament kellu d-diffikultajiet tiegħu fil-ħajja tal-ħanut tax-xogħol tiegħu, li għaliex ittama u għax kien raġel ġust huwa għaraf jagħmel mill-ħanut tax-xogħol il-post fejn tqaddes huwa u qaddes lill-familja tiegħu.

---

# *NAGĦTU TWEĠIBA EVANĠELIKA LID-DINJA TA' LLUM*

*Omelija ta' Mons. Isqof nhar il-Festa Liturġika ta' San Ġorġ Martri, fil-Bażilika ta' San Ġorġ, Victoria, l-Ħamis 23 ta' April 2009*

### *Pellegrinaġġ fl-art tal-Apokalissi*

L-ewwel qari li tħabbrilna llum, f'din il-festa ta' San Ġorġ, huwa proprju meħud mill-ktieb tal-Apokalissi, li hu l-aħħar ktieb tat-Testment il-Ġdid. Jiena u nisma' din il-Kelma, ġieni f'moħħi meta San Ġwann, l-awtur tal-Apokalissi, jikteb lis-seba' Knejjes. Fl-Apokalissi San Ġwann jgħid li Alla jibgħat l-anġlu tiegħu lil seba' Knejjes fl-Asja Minuri: lill-Knisja f'Efesu, fi Smirna, f'Pergamu, f'Sardi, f'Filadelfja, f'Loadiċija u f'Tjatira. Ftit tal-jiem ilu kont fuq pellegrinaġġ it-Turkija, illi tagħmel dik li kienet magħrufa bħala l-Asja Minuri, u stajt nara x'fadal minn dawn is-seba' Knejjes u Knejjes oħrajn; hemmhekk rajt x'fadal minn dak li kien wieħed miċ-ċentri tal-Knisja ta' Kristu: Biżanzju jew Kostantinopli, dik li mbagħad illum tissejjaħ Istanbul! B'għafsa ta' qalb ikolli ngħid illi ma rajt xejn, jew rajt ftit li xejn mill-fdalijiet ta' din l-esperjenza ta' poplu Kristjan f'dan il-pajjiż! Illum fit-Turkija, li tgħodd madwar sebgħin miljun ruħ, m'hemmx tlitt elef Kristjan!

Qed ngħid dan biex nirriflettu ftit, għax l-istorja tgħallimna. Bħalma llum, x'ħin nisimgħu bil-Knisja ta' Loadiċija, il-Knisja ta' Efesu, dawn huma biss fdalijiet, rovina, nistaqsi b'responsabbiltà kbira, u nixtieq li anki intom tistaqsu: X'futur għandha l-Knisja fl-Ewropa u f'pajjiżna? X'garanzija għandna aħna illi ma tiġix mewġa – bħalma kien l-imperu Ottoman bir-reliġjon Iżlamika, – u tħott il-Knisja mwaqqfa minn Pawlu fil-gżejjer tagħna? Jekk fit-Turkija hemm preżenza kbira Iżlamika, f'dan il-pajjiż dieħla mewġa "reliġjuża" oħra: il-lajċiżmu. Jekk s'issa l-Iżlam mhux sfida qawwija, żgur li għandna t-theddida tal-lajċiżmu li bil-mod il-mod qiegħed iġarraf il-binja tal-Knisja fostna.

Imma jekk fit-Turkija kelli din l-esperjenza negattiva, kelli wkoll esperjenza pożittiva, għaliex matul il-pellegrinaġġ wasalna fejn kelli xewqa nasal: fil-Kappadoċja, illi għalina, kemm bħala Kristjani u kemm bħala Ġorġjani, għandha tifsira partikulari, għaliex nafu illi San Ġorġ twieled u kellu l-ewwel trobbija tiegħu fil-Kappadoċja fl-Asja Minuri. Lill-Arċipriet tagħkom, meta kont hemm, bgħattlu messaġġ u għidtlu: "Nitlob għalikom minn dan il-post għażiż għalina"; u llum inżid ngħidlu: Ħu ħsieb organizza pellegrinaġġ f'din iż-żona. Dan ngħidu mhux biss lilek, jew lilkom bħala komunità parrokkjali, imma ngħidu lid-djoċesi kollha tagħna. Għaliex għalija t-Turkija hija t-tieni Art Imqaddsa.

### *L-esperjenza qawwija ta' Knisja mħeġġa*

X'rajt fil-Kappadoċja illi jagħmilli kuraġġ? Rajt diversi, jekk nista' nsejħilhom hekk, knejjes, jew aħjar għerien illi ġew imħaffra fil-blat u attrezzati biex iservu ta' knejjes ċkejknin. Kważi f'dawn il-knejjes kollha, ma taħrablikx l-ikona ta' San Ġorġ! Kbira jew żgħira, kull knisja hija mżejna bl-ikonografija ta' San Ġorġ. Nimmaġina illi l-Kristjani tal-Kappadoċja meta rtiraw mill-belt u sabu ruħhom f'dawn l-inħawi, għax kienu qed jiġu mħedda u

ppersegwitati, ħassew li għandhom ipoġġu l-immaġni ħajja ta' San Ġorġ, sinjal mhux biss tad-devozzjoni u l-imħabba tagħhom lejn il-Martri ta' Lidda li kien telaq minn dik il-Knisja, imma wkoll biex jitolbuh ħalli jgħinhom f'dik il-fażi delikata tal-ħajja tal-Knisja. Nistħajjel ukoll illi huma poġġew fiċ-ċentru tal-knisja tagħhom ix-xbieha ta' San Ġorġ biex jispirahom ħalli anki huma jsibu l-qawwa, bħalma kellhom il-martri, u jagħtu tweġiba għall-isfidi li kienu qegħdin jiffaċċjaw.

L-istorja tgħidilna illi fil-Kappadoċja, fejn hemm din id-devozzjoni ħajja ta' San Ġorġ, kien hemm żmien fejn il-Knisja kienet tiffjorixxi! Il-komunità Kristjana għarfet toffri minn ħdanha mħuħ imdawlin bil-Vanġelu, bħalma kienu San Bażilju l-Kbir, San Girgor ta' Nissa, San Girgor Nazjanzenu... dawk li huma magħrufa bħala l-*Padres* tal-Kappadoċja. Mela l-Knisja tal-Kappadoċja, Knisja ppersegwitata imma Knisja li tgħix bil-memorja tal-qaddisin martri, fosthom ta' San Ġorġ, għarfet toħloq fi ħdanha nies li kienu jafu jagħtu risposta, mhux biss risposta valida għal żmienhom imma waħda li għadha valida sal-lum; nies li kkontribwew għall-iżvilupp tad-duttrina, tat-Teoloġija.

Ma ninsewx illi qed nitkellmu fuq zona ġeografika fejn kien hemm diversi konċilji: erba' konċilji f'Kostantinopli, ieħor f'Efesu u ieħor f'Niċea. F'dawn l-ambjenti dawn il-*Padres* li semmejtilkom taw kontribut biex il-Knisja ċċarrat ċerti veritajiet dommatiċi li għandhom x'jaqsmu mat-Trinità Qaddisa. Din kienet il-Knisja "Ġorġjana" ta' dak iż-żmien: nitlob lill-Ispirtu s-Santu ħalli jħeġġeġ mhux biss lil din il-komunità parrokkjali imma lill-Knisja f'Għawdex, ħalli jkollha dan l-ispirtu tal-Knisja tal-Kappadoċja ħalli tagħraf tagħti tweġibiet għal żminijietna.

### *Diffikultajiet ta' żmienna*

Illum forsi m'għandniex ereżiji dommatiċi, imma għandna ereżiji oħrajn fuq dak li għandu x'jaqsam mal-imġieba morali u etika tal-bniedem. Ma tantx qed nara membri fi ħdan il-Knisja illi għandhom il-kuraġġ li jqumu fuq riġlejhom, u jagħtu tweġiba lis-soċjetà tal-lum mingħajr ma jibżgħu li jiġu mwarrba. Nixtieq nara l-Knisja lokali tkun tixbah lill-Knisja tal-Kappadoċja, ħalli l-Knisja tagħna ma jiġrilhiex bħal dawk is-seba' Knejjes, bħalma ġara lill-Knisja ta' Biżanzju, u jiġi żmien meta l-Knisja tinħatt. Forsi aħna ma narawhiex tinħatt ġebla ġebla, imma għad narawha tinħatt bniedem bniedem, wieħed wieħed. Forsi ma jitilqux mill-komunità, imma fil-Knisja għandna min qed jgħix b'sieq waħda ġewwa u oħra barra.

Nistaqsi: jekk il-Knisja tal-Kappadoċja kellha tant devozzjoni lejn il-martri San Ġorġ, u għarfet tipproduċi fi ħdanha Kristjani maturi mimlijin bl-ispirtu tal-Vanġelu illi taw kontribut, x'ġara minnha llum? Baqa biss rovina u l-Kristjani tal-Kappadoċja kważi għebu. Għaliex? Jistax ikun illi l-Kristjani tal-Kappadoċja, għalkemm kienu devotissmi ta' San Ġorġ u għalkemm kellhom storja glorjuża, ħallew lilhom infushom jinħakmu minn ċerta telqa, minn ċerti kurrenti u duttrini ta' dak iż-żmien, u allura kollox sfaxxa fix-xejn?

Kien hemm żewġ kawżi prinċipali illi wasslu għall-qerda tal-Knisja ta' Biżanzju u allura fl-Asja Minuri:

(a) L-ewwel waħda kienet il-qasma bejn il-Kristjani, l-ewwel fil-293 meta Dioklezjanu ġab qasma politika fl-imperu Ruman bejn il-parti tal-Punent u dik tal-Lvant; imbagħad il-qasma ekkleżjali meta l-Knisja tal-Orjent inqatgħet minn dik ta' Ruma fl-1054. Meta l-Kristjani stess ma qablux fuq materja ta' duttrina u per konsegwenza nfirdu, il-Knisja ma kinitx għadha komunità b'saħħitha biex tilqa' quddiem it-theddid.

(b) Ir-raġuni l-oħra kienet dik illi maż-żmien l-affarijiet indraw, u l-Insara, għalkemm baqgħu josservaw l-affarijiet esterni, il-ħeġġa tal-qalb għal Kristu birdet. Minħabba l-ħajja Nisranija medjokri, huma saru iktar dgħajfin quddiem l-isfida tal-Iżlam!

### *Il-Knisja tissaħħaħ bix-xhieda konvinta tal-Insara*

X'garanzija għandna aħna illi, bl-istorja reliġjuża tagħna kollha, bl-imħabba tagħna kollha lejn il-qaddisin, illum ma nistgħux ukoll niġu feruti, b'mod jew ieħor, u allura niddgħajfu, tonqos il-konsistenza bejnietna, u nkunu iktar priża għall-għadu li hemm fuq l-għatba tal-bieb? Dan qed ngħidu mhux biex naqtgħu qalbna, imma għaliex nemmen, kif diġà għidtilkom, illi jekk il-komunità Kristjana tagħraf tgħix b'mod awtentiku l-imħabba tagħha lejn Kristu, lejn il-qaddisin – illum insemmi lil San Ġorġ –, l-imħabba tagħha lejn il-Knisja, u tkun "Knisja waħda", allura nkunu nistgħu nilqgħu kontra dak illi jista' jfixkilna jekk mhux ukoll jeqridna.

Il-belt ta' Biżanzju kellha bażiliċi sbieħ ħafna. Min mar Istanbul żgur li rifes fil-bażilika ta' Santa Sofija, li kienet il-glorja tal-Knisja ta' Biżanzju, imma mbagħad saret moskea, u llum hija mużew. Qrajt illi meta kienet qed tinbena, Kostantinu ried illi mat-tajn, biex jagħqad il-ġebel, iħalltu l-frak tal-għadam tal-martri, biex tkun knisja illi tgħajjat id-demm tal-martri mċarċar għal Kristu, tkun bażilika illi tfakkar kontinwament li hija mibnija fuq ix-xhieda ta' dawn il-martri.

Nitlob lil Alla bl-interċessjoni ta' San Ġorġ illi jieqaf magħna biex l-għagħna ta' ħajjitna nagħġnuha bil-frak tal-istorja tiegħu u bil-frak tal-virtujiet li huwa għex, ħalli l-bażilika tagħna, il-Knisja tagħna, tkun Knisja mibnija u magħquda b'għaġna li tfakkarna f'dawn il-martri li taw xhieda billi ċarċru demmhom għal Kristu; martri li taw is-saħħa lill-poplu Nisrani biex ikun kapaċi jieqaf quddiem it-theddid taż-żmien. Anki llum, nitlob lil San Ġorġ ħalli jbierek lill-Knisja f'Għawdex u jkompli jgħinha, kif għenha maż-żmien, ħalli aħna nkunu kapaċi nagħtu tweġiba evanġelika lid-dinja tal-lum.

---

*Nota tad-Direzzjoni:*

Dawn l-erba' paġni ta' Dokumentazzjoni qed jingħataw bħala żieda mar-rivista u b'rigal lill-qarrejja tagħna, fuq talba ta' ħafna, biex jiġu miġbura u kkonservati l-aqwa diskorsi, omeliji u ittri pastorali ta' Mons. Isqof Mario Grech. Dawn il-folji kulur safrani jistgħu faċilment jinqalgħu minn ġo nofs ir-rivista biex jiġu miġbura flimkien u llegati separatament mir-rivista.